



Brussell, 6 ta' Frar 2026  
(OR. en)

5369/26

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2025/0353(NLE)

---

---

ESPACE 9  
EEE 5  
RECH 16  
COMPET 47  
IND 26  
EU-GNSS 5  
TRANS 17  
AVIATION 8  
MAR 7  
TELECOM 16  
MI 38  
CSC 44  
CSCGNSS 5  
CSDP/PSDC 34  
AELE 6

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jstabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura

---

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL .../...**

**ta' ...**

**dwar l-iffirmar tal-Ftehim  
bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja  
li jstabilixxi r-regoli għall-partekipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja  
fil-komponent tal-GOVSAATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni  
u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura,  
u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSAATCOM  
u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 189 flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz ta' ittra tal-20 ta' April 2023, ir-Renju tan-Norveġja esprima l-interess formali tiegħu li jibda negozjati dwar ftehim bil-ħsieb li jipparteċipa fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura.
- (2) Fl-10 ta' Diċembru 2024, il-Kunsill awtorizza l-ftuħ ta' negozjati f'isem l-Unjoni għall-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja li jistabbilixxi r-regoli għall-parteeipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura (il-“Ftehim”). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess fil-4 ta' April 2025.
- (3) In-Norveġja għandha kooperazzjoni fit-tul mal-Unjoni fil-qasam tal-ispazju, u qed tipparteċipa fil-biċċa l-kbira tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-Unjoni.
- (4) L-Unjoni u n-Norveġja kkonkludew Ftehim dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata<sup>1</sup>.

---

<sup>1</sup> Il-Ftehim bejn ir-Renju tan-Norveġja u l-Unjoni Ewropea dwar proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata, (ĠU L 362, 9.12.2004, p 29, ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2004/843/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2004/843/oj)).

- (5) Minn perspettiva ġeopolitika, il-parteċipazzjoni tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura u l-aċċess tan-Norveġja għas-servizzi tal-GOVSATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, se tikkontribwixxi għat-tisħiħ tar-rwol tal-Ewropa bħala attur globali u se tippromwovi l-kooperazzjoni internazzjonali kif definit fl-Istrateġija Spazjali għall-Ewropa. Ftehim man-Norveġja ser isaħħaħ il-pożizzjoni strateġika tal-Unjoni, li huwa objettiv tal-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża.
- (6) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Ftehim jiġi ffirmat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

L-iffirmar tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tan-Norveġja, li jistabbilixxi r-regoli għall-parteċipazzjoni tar-Renju tan-Norveġja fil-komponent tal-GOVSAATCOM tal-Programm Spazjali tal-Unjoni u fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, u għall-aċċess għas-servizzi tal-GOVSAATCOM u għas-servizzi governattivi tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura huwa b'dan approvat, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim<sup>2+</sup>.

## *Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

---

<sup>2</sup> It-test tal-Ftehim ser jiġi ppubblikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.  
<sup>+</sup> Delegazzjonijiet/ĠU: ara d-dokument ST 5371/26